**FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR JOSEPH P BONNICI LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 6 ta' Gunju 2002**

**Numru**

**Avviz numru 559/2001/1**

**Casey Vassallo**

**vs**

**Dominic Mallia**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' Lm1355 (elf tlett mija hamsa u hamsin lira Maltin), rappresentanti seba' mitt lira (Lm700) self brevi manu li sar lill-konvenut mill-attrici Casey Vassallo, u dan permezz ta' skrittura privata datata 25 ta' Ottubru 2000, kif wkoll flejjes ohrajn mislufin brevi manu lill-konvenut mill-attrici u ghall-uzu personali tal-konvenut, pagamenti li saru mill-attrici lil Auto Dealer u dan ghall-karozza tal-konvenut, flus mislufin lill-konvenut mill-attrici sabiex il-konvenut ihallas pagamenti ghal cash-sales illi saru meta l-

konvenut kien impjegat ma' M. Demajo Group of Companies kif ukoll flus mislufa lill-konvenut mill-attrici sabiex il-konvenut jixtri u jinstalla electric windows fil-vettura proprjeta tal-konvenut.

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-5 ta' Gunju, 2001 bl-imghax legali kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. Illi l-ammont mitlub mill-attrici lill-konvenut huwa wiehed ezorbitanti.

2. Illi l-konvenut ghandu jaghti biss lill-attrici s-somma ta' seba' mitt lira Maltin (Lm700) tant illi l-partijiet kienu ffirmaw skrittura bejniethom limitatament ghal dan l-ammont u liema somma l-konvenut gja' offra sabiex ihallas lill-attrici.

Sema' x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra.

Illi l-meritu tal-kawza jikkoncerna ir-rifuzjoni ta' ammont ta' flus misluf mill-attrici lill-konvenut meta kienu ghadhom gharajjes. Dik

il-parti li ffirma karta ghaliha - il-konvenut mhux qed jikkontesta (Dok VC2 – VC3 esebiti fis-seduta tal-16 ta' Ottubru, 2001). Huwa qed jikkontesta s-somma ta' Lm655 (sitt mija u hamsa u hamsin lira Maltin) li ghalkemm ma ghandhiex skrittura bhal fuq is-somma ta' Lm700 (seba mitt lira Maltin), ipprezentat diversi xhieda u dokumentazzjoni.

Meta xehed fis-seduta tad-29 ta' Jannar, 2002, il-konvenut ipprova jallevja t-tezi attrici. Ghamel diversi stqarrijiet biex jipprova jimmenoma il-pretensjoni attrici. Ghamel diversi allegazzjonijiet li pero baqghu ma gewx sostanzjati. Minn fejn suppost gab il-flus, liema flus qed allegatament tippretendihom l-attrici baqa ma gewx prodotti la l-persuni indikati, u wisq anqas gew sostanzjati.

It-Tribunal jaqta u jiddeciedi din il-kawza billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, jilqa t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' Lm1355 (elf tlett mija u hamsa u hamsin lira Maltin) bl-ispejjes u bl-interessi mid-data tal-prezentata sad-data tal-pagament effettiv kontra l-istess konvenut.

**Dr Joseph P Bonnici**
**Gudikatur**